**20 ta' Lulju, 1994**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V.Arrigo LL.D.**

Joseph Busuttil bħala *Chairman* għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà Francis Busuttil *& Sons Ltd.*

*versus*

Il-Prim Ministru u l-Kontrollur tad-Dwana

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Smigħ Xieraq - Mandat - Qbid - Gvern - Kontrollur tad-Dwana - Kreditu - Esekuttiv - Subbasta**

*L-intimat Kontrollur tad-Dwana istitwixxa proċeduri esekuttivi kontra r-rikorrent biex jiġbor kreditu minnu vantat u ġuramentat. Ir-rikorrent ippretenda li tali proċedura kienet tikser id-dritt tiegħu*

*għal smigħ xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat l-art. 467(1) u (2) tal-Kapitolu 12 kienu lesivi ta' l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja in kwantu mhux intiżi biex jassiguraw il-ġbir ta' taxxi, dazji u ħlasijiet oħra imposti b'liġi ta' natura pubblika. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza appellata fis-sens li waqt li ddikjarat li l-art. 466 ma jikkontrastax mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropeja, l-art. 467 tal-Kap. 12 kien hekk jikkontrasta u għalhekk il-Kontrollur tad-Dwana ma setax jgħaddi għas-subbasta qabel ma jottjeni sentenza kontra r-rikorrent.*

*It-Talba tal-Gvern għall-ħlas ta' drittijiet ta' magażżinaġġ mingħand l-importatur għall-merkanzija importata hija ta' natura ta' dritt ċivili. Għalhekk id-dritt tal-Kontrollur tad-Dwana li jissubbasta l-proprjetà tad-debitur mingħajr qabel ma jottjeni kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu kien jivvjola d-dritt tar-rikorrent għas-smigħ xieraq.*

Il-Qorti: –

1. Il-kumpanija rikorrent, fl-att promotur qalet:

"1. Illi fil-21 ta' Awissu 1991 huwa ġie nnotifikat b'mandat ta' qbid esekuttiv numru 2466/91 JV fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana *versus* Joseph Busuttil għan-nom u in rappresentanza ta' Messrs. Francis Busuttil *and Sons Ltd.*" maħruġ mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Awissu 1991 liema mandat ġie esegwit fil-21 ta' tas-soċjetà minnu rappreżentata f'dawn il-proċeduri (Dokument "1");

2. Illi dan il-mandat sar għas-somma ta' elfejn u sebgħa u tmenin lira Maltija u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm2,087.38,0) *sorte* allegatament dovuta bħala kera ta' dwana fuq żewġ *containers crackers (warehoused)* importati fuq l-*M.W. Manchester Trade* fil-15 ta' Marzu 1988 u tliet liri wieħed u

ħamsin ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm3.51,6) spejjeż skond taxxa annessa mar-rikors għall-ħruġ ta' l-imsemmi mandat immarkat "Dokument A" u dan għab-bażi ta' titolu esekuttiv skond l-artikolu erba' mija sitta u sittin ( 466) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

3. Illi l-imsemmi artikolu 466 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi illi "Meta kap ta' dipartiment tal-Gvern, irid jaġixxi għall-ħlas ta' kreditu li jkollu jieħu d-dipartiment li tiegħu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tiegħu xi amministrazzjoni ta' dak id-dipartiment, jew għal dazju, jew għal xi raġuni oħra, huwa jista' fuq dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, jew imħallef jew maġistrat tal-Qorti kompetenti, skond il-każ, jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' qbid fuq il-ħwejjeġ tad-debitur" u mbagħad l-artikolu erba' mija u sebgħa u sittin sub-artikolu wieħed (467(1)) ta' l-istess Kodiċi jipprovdi li "Meta l-mandat jiġi esegwit, il-ħwejjeġ maqbuda għandhom, fuq talba tal-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-mandat, jiġu rkantati u mibjugħa, bla ma jkun jeħtieġ li l-kreditu jiġi kkanonizzat b'sentenza, u dak li jġib il-bejgħ fl-irkant jingħata lill-esekutant", u sub-artikolu tnejn ta' l-istess artikolu 467 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jkompli: "It-talba hawn fuq imsemmija, fil-Qrati Superjuri u fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza tagħha superjuri ssir b'rikors fil-qrati l-oħra, tista' ssir bil-fomm";

4. Illi l-esponent *nomine* jissottometti li hu ma għandu ebda obbligu li jħallas is-somma pretiża mit-tieni intimat fil-fuq imsemmi mandat esekuttiv però, minkejja dana kollu, bis-saħħa ta' l-imsemmija artikolu 466 u 467(1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u (Proċedura Ċivili, huwa xorta ġie assoġġettat

għall-esekuzzjoni ta' dritt pretiż mit-tieni intimat li permezz ta' ġurament ittrasforma l-pretensjoni tiegħu f'wieħed esekuttiv fuq il-proprjetà ta' l-esponent *nomine* biex tiġi sussegwentement irkantata u mibjugħa mingħajr aċċess quddiem Qorti jew awtorità oħra ġudikanti għad-deċiżjoni jew determinazzjoni fil-pubbliku dwar l-eżistenza *o meno* tad-dritt tat-tieni intimat u ta' l-obbligu ta' l-esponent *nomine* biex iħallas, biex imbagħad, fin-nuqqas ta' ħlas, jiġi esegwit il-kreditu kkanonizzat u għalhekk l-esponent *nomine* ġie pprivat u qiegħed jiġi pprivat mit-tgawdija paċifika tal-proċedimenti tiegħu;

5. Illi dan kollu jmur kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu disgħa u tletin sub-artikolu tnejn u tlieta (39(2) u (3)) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll kontra s-sub-artikolu wieħed ta' l-artikolu sitta (6(1)) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 u l-artikolu wieħed ta' l-Ewwel Protokoll ma' l-istess Konvenzjoni ffirmat f'Pariġi fl-20 ta' Marzu, 1952 u bl-Att XIV ta' l-1987, l-esponent *nomine* għandu d-dritt li jitlob din il-Qorti għal rimedju;

6. Għaldaqstant, ir-rikorrent *nomine* talab li din il-Qorti jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet u dawk id-drittijiet fundamentali tiegħu protetti mill-artikolu 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bnedmin u tal-Libertajiet Fundamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 u ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ma' l-istess Konvenzjoni ffirmat f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952 fosthom:

1. Billi tiddikjara u tiddeċidi li l-artikoli 466 u 467(1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-mandat

ta' qbid esekuttiv numru 2466/91 *JV* maħruġ *mill*-*Qorti* tal-Kummerċ fid-9 ta' Awissu, 1991 fl-ismijiet "Il-Kontrollur tad-Dwana *versus* Joseph Busuttil għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà Messrs. Francis Busuttil *and Sons Ltd.*" jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem sanċiti mill-fuq imsemmija disposizzjonijiet;

2. U billi tiddikjara u tiddeċidi li l-imsemmija artikoli 466, 467(1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-imsemmi mandat ta' qbid esekuttiv huma nulli u mingħajr ebda validità jew billi tħassar u tannulla l-imsemmi artikoli 466 u 467(1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-imsemmi mandat ta' qbid esekuttiv;

3. U billi tordna lit-tieni intimat biex ma jkomplix bil-proċeduri ta' l-istess mandat esekuttiv anke pendenti dawn il-proċeduri;

4. U/jew tagħti dawk ir-rimedji l-oħra kollha xierqa biex tassikura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponent *nomine* sanċiti mill-fuq imsemmija disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 u ta' l-Ewwel artikolu ta' *l-*Ewwel Protokoll ma' l-istess Konvenzjoni ffirmat f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1952";

2. L-intimati, da parti tagħhom irrispondew hekk:

"Illi preliminarjament is-subinċiż (2) u (3) ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u s-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem m'humiex

applikabbli għall-każ odjern għax ma saret ebda determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili;

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Ordinanza Dwar id-Dwana) huwa ġuramentat ta' natura pubblika u mhux ċivili. Dan jidher milli ġej:

(a) L-Ordinanza tad-Dwana hija definittivament ta' natura pubblika għax tagħmel parti mill-ordinament fiskali li għandu l-pajjiż u kull ordinament fiskali, kien liema kien il-pajjiż, dejjem tqis li jaqa' fid-dominju pubbliku;

(b) Il-ħażna ta' l-oġġetti li jkunu żbarkati iżda ma jkunux ġew liberati minn xi moll mhix ħażna libera **iżda ta' bilfors** kif jidher mill-istess kliem tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 19 ta' l-Ordinanza;

"F'dak il-każ, minkejja kull disposizzjoni oħra tal-liġi, dawk l-oġġetti **għandhom** jitqiesu, meta jgħaddi l-imsemmi żmien, li jkunu ddepożitati f'depost tal-Gvern u mbagħad ikunu jistgħu jitneħħew kif ipprovdut fl-artikolu 20 ta' din l-Ordinanza";

In-natura "ta' bilfors" ta' dan is-subinċiż tneħħih mill-isfera ċivili għal kollox;

(ċ) L-assunzjoni **mill-Istat** (u mhux minn enti privata) ta' l-oġġetti żbarkati iżda mhux liberati;

Dawn huma t-tliet kriterji addottati mill-Qorti Ewropeja (Każi: *Feldbrugge* u *Deumeland*) biex tiddetermina dritt hux ċivili jew le;

L-Ordinanza tad-Dwana jew ir-Regolamenti li jaqgħu taħtha m'għandhom ebda karatteristika ta' Dritt Privat u la l-karatteristiċi pubbliċi ta' din l-Ordinanza jippredominaw, mhux il-każ ta' l-applikabilità ta' l-artikolu 39(2)(3) tal-Kostituzzjoni jew ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Qorti Ewropeja diġà ppronunzjat ruħha ċar fuq dan il-punt fil-każ *"Le Compte, Van Leuven and de Meyre"* *(series A* numru 43) paragrafu 47:

*"....the Court considers that a tenuous connection or remote consequences do not suffice for article 6(1), in either of its official versions ("contestation sur", "determination of"): civil rights and obbligations must be the object – or one of the objects – of the "contestation" (dispute); the result of the proceedings must be directly decisive for such a right"*;

(2) Illi bla preġudizzju għas-suespost l-espressjoni "drittijiet u obbligi ċivili" ma tkoprix liġijiet fiskali kif ġie ritenut diversi drabi kemm mill-Kummissjoni Ewropeja kif ukoll minn Qrati oħra bħal dik Ċiprijotta fil-każ *"Kantara Shipping Limited vs Republic of Cyprus"*. U li għalhekk id-drittijiet iċċitati mir-rikorrent, jiġifieri d-39(2)(3), ma japplikawx għall-każ odjern;

(3) Illi jekk *se mai* wieħed iqis li hawn *si tratta* ta' obbligi ċivili li mhux il-każ – f'din il-proċedura (taħt l-artikolu 466) m'hi qed issir ebda **determinazzjoni** ta' dan l-obbligu ċivili. Bil-ħruġ ta' dan il-mandat il-Qorti mhix tiddeċidi dwar il-fondatezza *o meno* tal-pretensjoni tal-Kontrollur tad-Dwana. Għalhekk id-39(2)(3) tal-Kostituzzjoni u s-6(1) tal-Konvenzjoni mhux applikabbli;

(4) Illi m'hemm ebda ksur ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel

Protokoll għax (a) m'hu qed isir ebda esproprjazzjoni u (b) skond l-istess artikolu m'hemm xejn xi jxekkel l-istat milli "jassigura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet jew penali" kif jingħad ċar u tond fit-tieni paragrafu ta' l-istess artikolu;

(5) Illi, dejjem bla preġudizzju għal dak kollu li ngħad hawn fuq, l-esekutant jekk iħoss li nkisirlu xi "dritt ċivili" jista' jaġixxi kontra l-Kap tad-Dipartiment għal dikjarazzjoni ta' l-aggravju li bata u għall-ħlas tad-danni mingħand il-Gvern. (Ara l-*proviso* ta' l-artikolu 468 tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili) u għalhekk l-aċċess tar-rikorrent għall-Qorti għadu sħiħ u intier u ma ġiex miċħud lilu;

(6) Illi, dejjem bla preġudizzju għal dak kollu li ntqal qabel, ir-rikorrent seta':

(a) adixxa l-Qorti għal determinazzjoni *o meno* tat-tali obbligu; jew

(b) ħallas taħt protesta u mbagħad seta' jibda proċedura fil-Qorti biex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu;

(7) Illi jiċħdu dak li ntqal mir-rikorrent fir-raba' paragrafu tar-rikors tiegħu li hu m'għandu ebda obbligu li jħallas is-somma pretiża";

9. Fil-5 ta' Ottubru, 1993, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-sentenza fil-każ:

"Jiġu stabbiliti qabel xejn il-fatti li taw lok għar-rikors li minnhom trid tirriżulta l-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *nomine*. Importanti li dawn jiġu

definiti f'termini preċiżi in kwantu hu faċli li wieħed jiddevja fil-konsiderazzjonijiet legali applikabbli għall-każ f'suġġett ta' komplessità notevoli;

L-intimat Kontrollur tad-Dwana ottjena mill-Onorabbli *Qorti tal-Kummerċ l-ispedizzjoni kontra r-rikorrent nomine ta'* Mandat ta' Qbid numru 2466/91 għall-ħlas ta' l-ammont ta' Lm2780.00,0 u ta' ammont ieħor ta' Lm2087.38,0 oltre l-ispejjeż ta' l-istess mandat u dana fuq din il-kawżali:

"Skond l-artikolu **466** tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili";

L-intimat Kontrollur tad-Dwana ddeskriva l-ammonti bħala "dovuti **bħala Kera ta' Dwana** fuq żewġ *Containers Crackers (Warehoused)* importati fuq l-*M.V. Manchester Trade* fil-15 ta' Marzu, 1988";

Il-mandat ġie esegwit u jirriżulta mir-riferta tal-Marixxal tal-Qorti illi ġew elevati mill-pussess tad-ditta rikorrenti "*Truck*" u "*Van*" biex jagħmlu tajjeb għall-ammonti pretiżi mill-intimat Kontrollur tad-Dwana. L-istess intimat kien bi ħsiebu jgħaddi għall-bejgħ sfurzat ta' dawn l-oġġetti *in forza* ta' l-artikolu 467 tal-Kap. 12 biex jissodisfa l-kreditu tiegħu u hi din il-proċedura illi r-rikorrent *nomine* qed jattakka bħala li tmur kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja;

Jirriżulta mill-atti wkoll illi **l-Kera** li qed jippretendi l-*intimat Kontrollur irriżultat bħala konsegwenza tal-proċedura* li hu kellu dritt isegwi f'ċerti ċirkostanzi kkontemplati fis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 19 ta' l-Ordinanza Dwar id-Dawna – Kap. 37 – li jgħid testwalment:

"Meta xi oġġetti jkunu ġew żbarkati iżda ma jkunux ġew liberati minn xi moll, bankina, maħżen jew xi post ieħor ta' żbark fiż-żmien tliet xhur mill-wasla tal-bastiment ta' l-importazzjoni, f'dak il-każ minkejja kull disposizzjoni oħra tal-liġi, dawk l-oġġetti għandhom jitqiesu, meta jgħaddi ż-żmien imsemmi, **li jkunu ddepożitati f'depost tal-Gvern** u mbagħad ikunu jistgħu jitneħħew kif ipprovdut fl-artikolu 20";

Huwa "**il-kera għall-maggazzinaġġ**" għaż-żewġ *containers* imsemmija fil-Mandat illi l-Kontrollur tad-Dwana qed jesiġi li jiġi miġbur bil-proċedura speċjali esekuttiva li l-Gvern għandu a disposizzjoni tiegħu bl-artikoli impunjati tal-Kap. 12. Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet preliminari:

1. Il-proċediment esekuttiv ma huwiex qed jiġi utilizzat mill-intimat Kontrollur tad-Dwana **biex jesiġi l-ħlas ta' dazju** jew **Taxxa** oħra dovuta taħt xi liġi mis-soċjetà rikorrenti. Qed jiġi utilizzat għall-ħlas **ta' kera** li l-Kontrollur tad-Dwana jippretendi li huwa lilu dovut **wara** li l-*containers* bdew jitqiesu – mad-dekors tat-terminu stabbilit – li kienu **ddepożitati f'depost tal-Gvern**. Għalkemm hu minnu illi d-depost hu wieħed "*ex lege*" u f'dan is-sens furzat, il-Qorti ma tarax li b'daqshekk l-ammont pretiż bħala **kera** għal dak id-depożitu jista' jitqies bħala xi ħlas ta' "taxxa, jew kontribuzzjoni jew penali" jew bħala xi miżura **fiskali** kkontemplata fl-istess Ordinanza tad-Dwana;

L-Ordinanza nfisha tipprospetta l-figura ġuridika tal-lokazzjoni li hu kuntratt prettament ta' **natura ċivili**. Hu infatti l-eżistenza u t-termini ta' din il-"Kirja" li d-ditta rikorrenti qed tikkontesta;

2. L-aritkolu 466 tal-Kap. 12 jgħid hekk:

"Meta Kap ta' Dipartiment tal-Gvenr, irid jaġixxi għall-ħlas ta' kreditu li jkollu jieħu d-dipartiment li tiegħu huwa jkun il-Kap jew li jkollha tieħu xi amministrazzjoni ta' dak id-dipartiment **jew għal dazju** jew għal xi raġuni oħra, huwa jista', *fuq dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-Reġistratur jew* Imħallef jew Maġistrat tal-Qorti kompetenti, skond il-każ, jottjeni l-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid fuq il-ħwejjeġ tad-debitur";

Moqri waħdu – "*sic et simpliciter*" – dan l-artikolu ma fih xejn li wieħed jista' joġġezzjona għalih u wisq anqas ma hu kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja. Jagħti biss il-fakoltà lill-Kap ta' Dipartiment li jaġixxi kif għandu dritt jaġixxi kull kreditur **in kawtela** tad-drittijiet tiegħu. L-oġġezzjoni toħroġ mill-artikoli sussegwenti 467 u 468. Ta' l-ewwel jipprovdi li l-ħwejjeġ maqbuda taħt l-artikolu preċedenti "**għandhom**" fuq talba tal-parti li talbet il-ħruġ tal-mandat jiġu **rkantati u mibjugħa "bla ma jkun meħtieġ li l-kreditu jiġi kkanonizzat"**. Il-flus li jġib il-bejgħ jingħataw lill-esekutant. It-tieni artikolu jipprovdi li "**Ebda opposizzjoni**" ma tista' twaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat jew l-iżbank tal-flus li jġib il-bejgħ fl-irkant;

3. Ir-rikorrent *nomine* qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li dawn l-artikoli kif applikati naturalment fil-każ tiegħu, jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-artikolu 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-*Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem*;

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jistabbilixxi illi:

"*In the* ***determination*** *of his* ***civil*** *rights and obligations*

*or of any* ***criminal*** *charge against him,* ***every one*** *is entitled to a fair and public hearing, within a reasonable time by an independent and impartial Tribunal established by law...'';*

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux daqshekk espliċitu firrigward tad-drittijiet ċivili waqt li hu prattikament identiku filkaż ta' persuna akkużata b'reat. Infatti s-subinċiż (2) ta' dan l-artikolu ma jipprovdix b'mod ġeneriku – *blanket provision* – illi kulħadd **għandu dritt** għal smigħ xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ċivili. Jenunċja biss il-prinċipju li kull Qorti jew Awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali;

Teżisti allura distinzjoni netta u mmarkata bejn il-protezzjoni mogħtija liċ-ċittadin taħt il-Konvenzjoni u dik mogħtija mill-Kostituzzjoni b'dik ta' l-ewwel hi ferm aktar estensiva u ''*all embracing*''. Is-smigħ xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fil-Kostituzzjoni donnu jiskatta mill-mument minn meta xi persuna ''tibda proċedura għal deċiżjoni quddiemha''. Kif redatt fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni donnu ma jeskludix il-possibbilità li l-''eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili'' jista' jsir b'xi mod ieħor apparti minn ''qorti jew awtorità'' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi''. Dan apparti, ''*una volta*'' l-Konvenzjoni Ewropeja tifforma llum parti integrali mil-leġislazzjoni tal-pajjiż – anke jekk il-Kostituzzjoni tibqa' l-liġi suprema – hu sewwa li jiġi eżaminat qabel xejn jekk l-artikoli impunjati humiex in vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Il-Qorti teżamina l-ewwel l-artikoli 466 u 467(1) u (2) fihom

infushom, fil-prinċipju u wara tapplikahom għall-fatti tal-kawża;

A. Diġà ġie aċċettat illi mhux il-ħruġ ta' mandat ta' qbid fih innifsu taħt l-artikolu 466 – in kwantu dak hu miżura kawtelattiva tal-kreditu tal-Gvern – li tista' tkun oġġezzjonabbli. Huwa l-bejgħ sfurzat ta' l-oġġetti maqbuda **mingħajr il-ħtieġa li l-kreditu jiġi kkanonizzat** u bla ma tippermetti l-**ebda opposizzjoni** li twaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat, illi ovvjament joħloq l-attrit gravi maċ-ċittadin li jsib ruħu għal kollox inermi u impotenti kontra l-forza ta' l-esekuzzjoni ġudizzjarja mqiegħda **bil-liġi** *f'idejn il-gvern*. L-artikolu 467 infatti jpoġġi liċ-ċittadin f'sitwazzjoni li jrid ibati "l-aggressjoni" ta' l-awtorità esekuttiva mingħajr ma jkollu l-opportunità ta' rikors lejn il-Qrati imparzjali u indipendenti biex tiddefinilu d-drittijiet u l-obbligi tiegħu u takkordalu l-protezzjoni lilu dovuta kontra l-arbitrarjetà ta' l-Esekuttiv. Abbuż ta' poter li mhux eskluż li jiġri u ġara u li hu potenzjalment insitu *fl-eżerċizzju ta' tali proċedura speċjali*;

B. Li hija preokkupanti fil-fehma tal-Qorti u li timmerita eżami fl-isfond tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li hi fid-dover tittutela, hija d-diċitura wiesgħa ta' l-artikolu 466. Dan jawtorizza lill-Kap ta' Dipartiment li jirrikorri għal din il-proċedura speċjali mhux biss għall-**ġbir ta' dazju** imma għall-ħlas ta' **krediti** li jkollu jieħu d-dipartiment jew xi amministrazzjoni tiegħu, **jew għal xi raġuni oħra**. Id-diċitura hi tant vasta li tista' tgħid tkopri kull kreditu li l-Gvern jista' jippretendi li għandu kontra ċ-ċittadin anke ammonti allegatament dovuti minn inadempjenza kuntrattwali li tista' tkun ikkontestata u eventwalment tirriżulta ġustifikata. Din il-proċedura kienet u għandha tiġi użata mill-amministrazzjoni pubblika bħala regola u mhux bħala eċċezzjoni. Il-Qorti ma tgħidx li din il-proċedura qed tiġi abbużata għax il-liġi tippermetti

l-użu tagħha għal **kull raġuni** tkun xi tkun. Hekk per eżempju din il-Qorti kif ippresjeduta qed tiddeċidi llum il-kawża "Grezzju Patiniott *vs* Id-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd", fejn dan ta' l-aħħar qed juża din il-proċedura biex sajjied jintalab iħallas lura ammonti lilu mogħtija b'kuntratt minħabba allegata inadempjenza tiegħu fuq l-istess kuntratt;

Ċ. Wieħed mill-punti ttrattati mill-partijiet hu proprju jekk il-Kontrollur tad-Dwana fl-eżerċizzju tal-poteri tiegħu li jirreklama l-pagament ta' l-ammont li għalih intalab il-ħruġ tal-mandat ta' qbid kienx qed jiddetermina "*a civil right and obligation*" tad-ditta rikorrenti. L-intimati ssottomettew li "ma saret ebda determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili". Isostnu li s-subartikolu 2 ta' l-artikolu 19 tal-Kap 37 **huwa purament ta' natura pubblika u mhux ċivili**. Dan għaliex l-Ordinanza tad-Dwana hija definittivament ta' natura pubblika u tagħmel parti mill-ordinament fiskali li ġiet dejjem meqjusa ta' dominju pubbliku;

Issa l-Qorti taqbel illi hu ġeneralment aċċettat illi l-espressjoni "drittijiet u obbligi ċivili" ma tkoprix liġijiet fiskali. "*The Commission has in general taken a rather restrictive position where the legal relations were those between an **individual** and the **public authorities**. Its decisions that proceedings concerning **taxation**, social security contributions and social benefits are **not covered** by article 6(1) can be accepted as correct without much difficulty, since in such cases **the public law** character of the obligation concerned predominates*". Jidher li d-distinzjoni bażilari bejn id-dritt pubbliku u d-dritt privat tiddetermina jekk id-drittijiet u obbligi taħt eżami għandhomx jiġu kkwalifikati bħala "*civil rights and obligations*". Meta l-element tad-dritt privat jipprevali – u dana jinkludi ovvjament

dawk il-każijiet fejn l-amministrazzjoni pubblika tidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali ma' ċittadin ieħor u bħal ċittadin ieħor – allura hu aċċettat illi l-artikolu 6(1) għandu japplika anke fil-konfront ta' l-amministrazzjoni pubblika;

*"... The Commission after all did consider it decisive whether in its view the rights and obligations in question belonged to the field of private law or to that of public law..."*;

Diġà ġie fuq sottolineat li fil-każ in eżami l-mandat ġie ottenut biex jassigura l-pagament ta' ammont ta' kera pretiż mill-Kontrollur tad-Dwana u li din ir-relazzjoni ġuridika tal-lokazzjoni – anke jekk *"ex lege"* – hi waħda *prettament ta' natura ċivili*. Jirriżulta li kien hemm kontestazzjoni bejn l-intimat Kontrollur tad-Dwana u d-ditta rikorrenti li infatti kkontestat li hi debitriċi u rrifjutat li tħallas. Għalkemm jista' jiġi argumentat illi l-pretiż *kreditu kellu l-oriġini tiegħu f'sitwazzjoni ta' materja fiskali*, *dan* ċertament ma baqax japplika għall-kera mitlub;

*"Although the applicant's liability arose in the context of her employment in the civil service* (materja din, bħal ma hija dik tad-dazju ta' natura pubblika) *the dispute was not confined to the public law implications but extended to a determination of her fault in relation to the deficit* (kif fil-każ in eżami jestendi għall-allegata responsabbilità għall-ħlas tal-kera). *The* ***private law aspects of the case predominated, such that the dispute related to a civil obligation*** *(Appl. Muyldelmans – Belgium – 1990)"*;

Il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi l-proċedura impunjata kkontemplata fl-artikoli 466 u 467 ċertament ma tistax titqies li hi kontra l-Kostituzzjoni jew kontra l-Konvenzjoni Ewropeja

fil-każ ta' proċedura konnessi ma' materji ta' natura pubblika fosthom l-ordinament fiskali u konsegwentement ma hemm xejn f'dawn il-provvedimenti tal-Kap. 12, in kwantu jirreferu għall-ġbir ta' dazju u krediti oħra esiġibbli taħt leġislazzjoni fiskali, soċjali *jew xort'oħra fejn dawn jimportaw il-ġbir ta' taxxi*, kontribuzzjonijiet jew imposti uffiċjali oħra, li jista' jitqies li jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Għall-kuntrarju f'każijiet oħra fejn il-kreditu pretiż ikun dovut bħala konsegwenza diretta ta' relazzjoni ġuridika bejn l-amministrazzjoni pubblika u ċ-ċittadin, li tagħti timbru ċivili lill-kreditu – anke jekk din tinħoloq bħala konsegwenza ta' xi att amministrattiv taħt xi liġi fiskali bħal ma hu l-każ preżenti jew minn xi relazzjoni kuntrattwali diretta miegħu – allura wieħed jista' u għandu jitkellem minn "dritt jew obbligazzjoni ta' natura ċivili";

L-intimati jsostnu illi bil-proċedura impunjata l-Kontrollur tad-Dwana m'hu qed jiddeċidi xejn u m'hux qed jiddetermina fuq l-obbligi ċivili tad-debitur. Jissottometti illi "bil-ħruġ ta' dan il-mandat, il-Qorti mhux tiddeċidi dwar il-fondatezza *"o meno"* tal-pretensjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana". Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni. Fil-verità hu l-Kontrollur innifsu – in vjolazzjoni tal-prinċipju legali bażiku u fundamentali – *"nemo iudex in causa propria"* – li ddeċieda li r-rikorrent hu debitur tiegħu fl-ammont **ta' kera** rreklamat, ipproċeda biex jesiġih ġudizzjarjament mingħajr il-ħtieġa li l-ammont jiġi kkannonizzat fi proċedura in kontestazzjoni ma' l-allegat debitur, u għal din il-proċedura ma hi permessa l-ebda *oġġezzjoni li tista' tfixkel jew twaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat* jew li l-ġbir ta' flus miġbur mill-bejgħ ta' l-oġġetti maqbuda proprjetà tad-debitur jiġu żbankati. Id-diċitura ta' l-artikolu impunjat hi waħda ta' arbitrarjetà assoluta li tista' biss tiġi aċċettata fil-każijiet fejn il-kreditu jemani kif fuq spjegat minn

**leġislazzjoni** ta' natura pubblika li hu preżunt li saret fl-interess ġenerali tas-soċjetà, u fejn il-liġi stess allura tiddetermina b'mod kemm jista' jkun ċar l-obbligi fiskali taċ-ċittadin u tillimita għal minimu d-diskrezzjoni tal-Kap ta' Dipartiment ma jimxix ġeneralment b'ġudizzju jew li jaġixxi b'mod irresponsabbli jew arbitrarju , però mhux eskluż li hu wkoll jiżbalja. F'kull każ iċ-ċittadin għandu **bħala regola** jkollu aċċess lejn qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali biex ikollu opportunità ta' smigħ xieraq. Il-Qorti ma tifhimx kif il-Kontrollur tad-Dwana ma jkunx qed **jiddetermina** l-obbligi ċivili tar-rikorrent meta jistabbilixxi hu waħdu kemm hu l-ammont li jkun dovut u jesiġi li jottjeni **bi dritt** dak lli hu stess jistabbilixxi bla ma jagħti l-inqas opportunità lid-debitur li jiddefendi ruħu. Tant jiddetermina l-obbligi tad-debitur illi *l-Qorti hi* **obbligata** *li tordna l-ħruġ tal-*mandat **esekuttiv** skond dik id-deċiżjoni – debitament ġuramentata – u hi obbligata wkoll tawtorizza l-bejgħ ta' l-oġġetti maqbuda in sodisfazzjon ta' l-ammont determinat *mill-*istess Kap ta' Dipartiment. Id-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment għandha infatti għal kull fini u effett fil-liġi u għal kull fini u effett prattiku s-**saħħa ta' sentenza** ta' l-istess Qorti;

L-intimati ssottomettew illi "jekk l-esekutant jidhirlu li ġie aggravat b'din il-proċedura jista' jaġixxi kontra l-Kap ta' Dipartiment **għal dikjarazzjoni ta' l-aggravju li bata** u għall-ħlas ta' danni mingħand il-Gvern". Dan kif ipprovdut fil-*proviso* ta' l-art. 468 tal-Kap. 12. Jisiltu minn dan illi allura r-rikorrent għandu rimedju għax hi l-Qorti li finalment tiddetermina l-obbligi tiegħu. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. L-azzjoni għad-danni pprospettata infatti tippresupponi li kien hemm **determinazzjoni żbaljata** tad-drittijiet u obbligi ċivili tad-debitur. Ma tista' qatt tipprovoka u tipprovdi restituzzjoni "*ad integrum*" u anke kieku dan kien possibbli l-fatt li eżekutat

ikun ġie priv anke għal sekonda indebitament u inġustament minn dak li kien legalment u ġustament tiegħu jkun jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Dan apparti l-fatt li l-liġi ma titkellimx dwar "dikjarazzjoni ta' dritt ivvjolat" imma biss dwar "dikjarazzjoni ta' l-**aggravju** li bata". Żewġ kunċetti għal kollox differenti;

Lanqas ma hi valida s-sottomissjoni li r-rikorrent seta' jipproteġi l-interessi tiegħu *tramite* kawża ta' millantazzjoni kontra l-Kap ta' Dipartiment. Din għaliex lanqas din il-proċedura li tikkontrasta direttament id-deċiżjoni tal-Kap ta' Dipartiment ma tkunx biżżejjed biex twaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat. Il-Liġi tgħid "**Ebda opposizzjoni** ma tista' twaqqaf". Lanqas tifhem kif il-ħlas bi protesta jista' jiġi impost fuq iċ-ċittadin meta dan forsi ma jkunx f'posizzjoni li jagħmel fronti għalih. Il-punt hu li ċ-ċittadin ma għandux jiġi obbligat li jħallas taħt theddida estrema tax-xorta prevista fl-artikoli impunjati;

Il-Qorti hi konxja ta' l-interpretazzjoni mogħtija fil-ġurisprudenza li l-artikoli impunjati inklużi s-sentenzi "Antoine Bajada *nomine vs Manager* tad-Dipartiment ta' l-Ilma *proprio et nomine*" – deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta' Ottubru, 1985; "John Grogan *vs* Direttur tas-Servizzi Soċjali' – deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar, 1977 u fil-kawża "Paul Camilleri *vs* Direttur tax-Xogħlijiet Pubblici" - deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 1978. Naturalment f'dawn il-kawżi kollha ma kienx qed jiġi diskuss jekk il-provvedimenti kinux imorru kontra l-Kostituzzjoni u wisq anqas kontra l-Konvenzjoni Ewropeja li sa dak iż-żmien ma kinitx għadha parti integrali mil-leġislazzjoni Maltija. F'din l-aħħar sentenza tingħata din il-ġustifikazzjoni għall-poteri vasti mogħtija lill-Eżekuttiv fil-konfront ta' l-individwu anke f'materji li ma

jemanux mid-dritt pubbliku:

"Il-Gvern li bħala enti responsabbli għall-andament u l-benessere tal-pajjiż kollu għandu l-obbligu li d-debituri lejn il-pajjiż iħallsu d-djun tagħhom u jħallsuhom fl-iqsar żmien *possibbli għall-ġid tal-pajjiż, ma jistax joqgħod jiġi mfixkel jew* idum jistenna x-xhur jew anke s-snin sakemm tinqata' l-kawża li d-debitur jista' jagħmel *in buona fede* jew bi spirtu leġġer biex jakkwista ż-żmien sakemm iħallas id-dejn li jkollu.....";

Bir-rispett kollu dan l-argument hu għall-Qorti inammissibbli, għandu riħa qawwija ta' sfiduċja fis-sistema ġudizzjarja tal-pajjiż u jpoġġi lill-amministrazzjoni pubblika fuq pedestal ta' vantaġġ inġust u inaċċettabbli fil-konfront taċ-ċittadin li, *se mai*, jeħtieġlu, u għandu dritt, għal aktar u mhux għal anqas protezzjoni mill-Qrati. Tali argument hu ammissibbli biss kif fuq irrilevat fil-każ tal-ġbir ta' taxxi, dazji, imposti, kontribuzzjonijiet soċjali eċċ. li huma *a priori* determinati b'liġi meta hu allura **l-obbligu** taċ-ċittadin "*ex lege*" li jħallas u jikkontribwixxi għall-ġid komuni, dak li hu minnu dovut f'kontribuzzjonijiet għall-erarju pubbliku;

*Fl-aħħar mill-aħħar din il-proċedura speċjali* ġiet intavolata żmien ilu biex tassigura l-ħlas ta' dawn it-taxxi u ħlasijiet dovuti lill-erarju pubbliku meta l-attività ta' l-amministrazzjoni pubblika ma kinitx tant tinvadi, tista' tgħid, l-aspetti kollha tal-ħajja ċivili u meta fil-ġestjoni ta' l-amministrazzjoni pubblika l-Gvern jaġixxi spiss fil-vesti ta' parti f'materja kuntrattwali. (Ara Cremona *Gurisprudenze – Codice dell'Organizazzione e Procedure Civile).* Il-Qrati huma llum fortunatament kostretti li jħarsu lejn din il-proċedura speċjali minn lenti aktar beninja lejn iċ-ċittadin in kwantu l-interpretazzjoni tagħhom trid neċessarjament tkun

temperata u konformi mal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u aktar u aktar tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq diskussi;

Stabbilit li l-Klawsoli 466 u 467 tal-Kap. 12 huma, sa fejn fuq spjegat, inkonsistenti ma' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u għandhom għalhekk jitqiesu li huma nulli u bla effett fil-liġi sa dak il-limitu, mhux il-każ li jiġu ttrattati l-aggravji l-oħra ssollevati mir-rikorrenti *nomine* u ttrattati waqt is-smigħ tar-rikors;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi r-rikors billi tiddikjara illi l-artikolu 466 tal-Kap. 12 in kwantu jipprovdi għall-ħruġ ta' mandat **kawtelatorju** (a distinzjoni mill-mandat esekuttiv kif hemm indikat fis-subtitolu fil-marġini ħdejn l-istess artikolu) hu konformi kemm mal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;

1. **Tiddikjara illi l-artikolu 467(1) u (2) ta' l-istess Kodiċi huma biss hekk konformi in kwantu japplikaw fil-każijiet ta' ħruġ** ta' mandati esekuttivi **intiżi biex jassiguraw il-ġbir ta' dazji, taxxi** u **ħlasijiet oħra impost b'liġijiet ta' natura pubblika u li l-istess** artikoli **huma in vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(1) ta' l-istess** Konvenzjoni **in kwantu li ċaħdu liċ-ċittadin minn smigħ xieraq** quddiem **Qorti** jew **Tribunal Indipendenti mwaqqfa b'liġi biex** jiddeterminaw **id-drittijiet u l-obbligi ċivili ta' l-individwu, meta** tali **mandat esekuttiv jiġi użat għall-każijiet oħra ħlief dawk fuq** imsemmija;

2. **Illi tali nullità għalhekk tolqot il-każ in eżami in kwantu** l-intimat **Kontrollur tad-Dwana qed jesiġi bil-proċedura speċjali** l-ħlas ta' **kera** u **mhux ta' ammont ta' dazju jew taxxa oħra.**

Konsegwentement tiddikjara illi l-mandat ta' qbid numru 2466/91 huwa validu biss bħala mandat ta' qbid **kawtelatorju** u ma jistax jiġi segwit bil-proċedura esekuttiva prevista fl-artikolu 467 tal-Kap. 12;

L-ispejjeż, *stante* n-novità tar-rikors jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti'';

4. L-intimati appellaw u adduċew diversi aggravji u dawn, huma utili, li jiġu ttrattati wieħed wieħed;

Ir-rikorrenti soċjetà appellat inċidentalment u r-risposta għal dawn l-aggravji inċidentali però toħroġ waħedha *mill-*osservazzjonijiet li se jsiru fuq l-appell prinċipali;

5. L-ewwel kritika ta' l-intimat tirrigwarda r-relazzjoni li nħolqot bejn il-Kontrollur tad-Dwana u s-soċjetà rikorrenti, meta din ma rtiratx il-merkanzija li kienet impurtat fi żmien utili u allura ġara dak li l-liġi tikkontempla fl-art. 19(2) Kap. 37, ikkwotat fis-sentenza. B'hekk il-merkanzija ġiet forzatament iddepożitata f'wieħed mill-imħażen tal-Gvern;

Issa għandu jiġi ppreċiżat illi wara li jissuċċiedi depożitu furzat bħal dak li ġara f'dan il-każ, il-Kontrollur tad-Dwana, b'dak il-fatt, isir kreditur ta' l-importatur – debitur, għall-''ispejjeż tal-ġarr, tan-noll, u tal-magazzinaġġ'';

L-''ispejjeż'' għal dan il-magazzinaġġ li minħabba d-depożitu furzat il-Gvern kellu jipprovdi, fil-mandat li talab il-Kontrollur, ġew skorrettement deskritti bħala ''kera''. Issa s-sentenza appellata, skond l-appellanti, b'dan l-użu żbaljat ta' vokabbolu ineżatt ġiet indotta biex tagħmel minħabba f'hekk,

konklużjonijiet skorretti. L-ewwel qorti kienet konxja ta' dak l-użu partikolari tal-kelma tant li poġġiet il-frażi "kera għal magazzinaġġ" bejn *virgoletti*, jew issottolineat il-kelma, meta qalet:

"ma tarax li b'daqshekk l-ammont pretiż bħala **kera** għal dak id-depożitu jista' jitqies bħala xi ħlas ta' "taxxa, jew kontribuzzjoni jew penali" jew xi miżura **fiskali** kkontemplata fl-istess Ordinanza tad-Dwana";

Wara dan, però, is-sentenza tkompli hekk:

"L-Ordinanza nfisha tipprospetta l-figura ġuridika tal-lokazzjoni li hu kuntratt prettament ta' **natura ċivili**. Hu infatti l-eżistenza u t-termini ta' din il-"kirja" li d-ditta rikorrenti qed tikkuntesta";

Bir-rigward kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni. L-Ordinanza titkellem kontinwament u konsistentement fuq "depożitu" li huwa kuntratt ben divers mill-kuntratt ta' lokazzjoni jew kirja;

Diġà ġie osservat li l-art. 20(1) jitkellem fuq l-**ispejjeż** tal-magazzinaġġ, u jgħid ukoll illi meta jinbiegħu l-oġġetti magazzinati, u meta dak li jirriżulta li jinġieb mill-bejgħ:

"għandu jmur għall-ħlas tan-nol, tad-dazju, tad-drittijiet u ta' l-ispejjeż";

aktar speċifiku huwa l-art. 27(2) fejn il-liġi titkellem fuq "**ir-rati ta' drittijiet ta' magazzinaġġ**";

"għandu jmur għall-ħlas tan-nol, tad-dazju, tad-drittijiet u ta' l-ispejjeż";

aktar speċifiku huwa l-art. 27(2) fejn il-liġi titkellem fuq "**ir-rati ta' drittijiet ta' magazzinaġġ**";

Id-differenza bejn il-kuntratt ta' lokazzjoni u l-kuntratt ta' depożitu, hija ċara biżżejjed fil-Kodiċi Ċivili u għalhekk fil-każ preżenti, ma kien **qatt il-każ** li jiġu kkunsidrati kwistjonijiet jew effetti li għandhom x'jaqsmu mal-kuntratt ta' lokazzjoni. Ir-rikorrenti soċjetà qatt ma setgħet tippretendi li bis-saħħa tad-depożitu furzat li kellu jsir minħabba li hija naqset li tisdogana l-merkanzija, hija saret "inkwilina" tal-Kontrollur, meta kjarament dak li japplika f'relazzjoni bħal din, huwa li huwa sar id-"depożitant" li għalih japplika dak li jsemmi l-art. 1918 Kap. 16:

"Id-depożitant għandu jrodd lid-depożitarju l-**ħlas ta' l-ispejjeż** li dan ikun għamel biex jikkonserva l-ħaġa ddepożitata, u għandu **jikkompensah** tat-telf kollu li jkun ġieblu d-depożitu";

L-Ordinanza tagħmel eku għal dan il-kliem tal-kodiċi prinċipali tas-sistema ġuridika tagħna. Konċetti oħra – bħal *dawk ta'* ***lokazzjoni*** *u* ***kera****, huma 'l bogħod minn din is-*sitwazzjoni – oġġett tal-kawża – li tirrigwarda relazzjoni bejn l-Istat, f'*veste* amministrattiva, u ċ-ċittadin, importatur ta' oġġetti minn barra l-pajjiż;

Fuq daqshekk għalhekk l-intimati għandhom raġun. Iżda però, din il-parti tas-sentenza appellata m'għandha, proprjament ebda rilevanza deċiżiva fil-kwistjoni li qed tiġi ventilata; kif se jidher aħjar, aktar 'l isfel f'din is-sentenza;

6. Dak li huma l-punti fokali ta' din il-kwistjoni difatti *huma dawn*:

(a) L-art. 467 Kap. 12 jgħid li wara li Kap ta' Dipartiment tal-Gvern jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' qbid, l-oġġetti li jinqabdu

jistgħu jiġu rkantati u mibjugħa, "bla ma jkun jinħtieġ li l-kreditu jiġi kkanonizzat b'sentenza", waqt li l-art. sussegwenti 468 jgħid:

(b) "Ebda oppozizzjoni ma tista' twaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat, jew l-iżbank tal-flus li jkun ġieb il-bejgħ fl-irkant tal-ħwejjeġ maqbuda;

Iżda l-esekutat, jekk jidhirlu li ġie aggravat b'din il-proċedura, jista' jaġixxi kontra l-Kap tad-Dipartiment għal dikjarazzjoni ta' l-aggravju li bata u għall-ħlas tad-danni mingħand il-Gvern";

Din il-Qorti tqis li dan l-artikolu 468, li huwa verament u prattikament il-kontinwazzjoni ta' l-artikolu 467 u, anzi jikkostitwixxi l-finalità u l-kjużura tal-proċedura kollha kkontemplata fl-artikoli 466, 467 u 468, huwa wkoll l-artikolu rivelatorju tal-vera portata ġuridika tal-proċedura speċjali kollha kemm hi, li toħroġ mit-tlett artikoli msemmija; tant illi din il-Qorti jidhrilha li ma tistax tistabbilixxi kif huwa ġust u xieraq il-posizzjoni li għandu l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili f'din il-proċedura speċjali fil-konfront tad-drittijiet fundamentali tal-Kostituzzjoni u **issa** speċjalment fil-konfront tal-Konvenzjoni mingħajr ma teħodhom *"tutto uno"* allavolja dan l-artikolu 468, inspjegabbilment, ma semma xejn la mill-kontendenti u lanqas mill-ewwel Onorabbli Qorti. Imma din il-Qorti Kostituzzjonali tħoss u tqis li huwa neċessarju li tagħmel dan minħabba l-importanza tal-kwistjoni u l-ispeċjalità tal-funzjonijiet kostituzzjonali li għandha;

Il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, apparti dak li jista' jitqies il-kumment marġinali rigward "il-kera" li jissemma fil-mandat li ottjena l-Kontrollur, huma kollha rilevanti

għal dawn iż-żewġ artikoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

7. Fil-paragrafu Ċ tas-sentenza appellata jingħad illi l-intimati jsostnu illi "s-subartikolu 2 ta' l-artikolu 19 Kap. 37 huma purament ta' natura pubblika u mhux ċivili" u għalhekk il-kwistjoni m'hijiex kompriża fil-frażi: *"In the determination of his civil rights and obbligations..."* ta' l-art. 6 tal-Konvenzjoni, jew fl-oħra li tirrikorri fl-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni:

"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' dritt jew obbligi ċivili...";

"Jidher li l-intimati jikkunsidraw li dan huwa l-aggravju prinċipali tagħhom;

8. Il-kelma *"determination"* ta' l-artikolu 6, tidher li għandha tingħata s-sens li komunament tingħata fil-lingwa Ingliża. *The shorter Oxford English Dictionary* – Edizzjoni ta' l-1933 jagħti dan it-tifsiriet:

*"(a) to settle or decide; (b) to come to a judicial decision; (c) to lay down decisively or authoritatively"*;

9. L-espressjoni *"civil rights and obligation"* ġiet ikkunsidrata f'diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fil-maġġoranza kbira tagħhom jipprevalixxu l-każijiet ta' inklużjoni fuq il-każijiet ta' esklużjoni;

Din il-Qorti taħseb li l-kwalifika *"civil"* fir-realtà, tista' sservi biss ta' distinzjoni bejn id-drittijiet ġenerali tal-persuna

li huma kollha ċivili – mid-drittijiet speċjali hekk imsejħa "politiċi" barra naturalment mid-drittijiet hekk imsejħa "kriminali" li jappartjenu għad-dritt pubbliku inkwantu dan jirregola l-proċedura penali;

Fil-każ ta' Konig tat-28 ta' Ġunju, 1978 *(Series A No. 27)* il-Qorti Ewropeja kienet stabbiliet illi:

*"Only the charcter of the right at issue is relevant";*

Dan il-prinċipju ġie segwit f'diversi sentenzi sussegwenti, u l-Qorti dejjem evitat li tersaq lejn definizzjoni ta' l-espressjoni:

*"The Court does not consider that it has to give on this occasion an abstract definition of the concept of 'civil rights and obligations'". (Bentham Case* – 23 ta' Ottubru, 1985 – *Series A* – numru 97);

Dan il-każ kien jirrigwarda l-ħruġ ta' liċenzja biex tinbena pompa tal-*petrol (liquid petroleum gas – LPG)* biex ifornixxi l-vetturi u l-istallazzjoni kellha tikkomprendi "*tank*" ta' tmien metri kubi, materja din li aħna nikkonsidrawha ta' natura "amministrattiva" u li tappartjeni lid-dritt pubbliku. Il-Qorti Ewropeja bi ħdax-il vot kontra sitta ddeċidiet li l-kwistjoni effettivament kienet tinvolvi *"civil right";*

Fil-każ ta' *Deumeland* tad-29 ta' Mejju, 1986, *(Series A Vol. 100)* kien jirrigwarda pensjoni supplimentari li armla talbet wara l-mewt ta' żewġha f'inċident industrijali;

F'din is-sentenza, il-qorti reġgħet segwiet il-ġurisprudenza tagħha stess u qalet:

*"The Court has held that the phrase "contestations" (disputes) over 'civil rights and obbligations' covers all proceedings the result of which is decisive for private rights and obbligations, even if the proceedings concern a dispute between an individual and* ***a public authority acting in its sovereign capacity*** *and irrespective of whether under the domestic law or of public law or indeed are of a mixed character" (see the Ringeisen judgement of 16 July 1971, Series A no. 13)* u kompliet:

*"Beyond this the Court has expressly reserved for future consideration the question whether the concept of civil rights and obligations within the meaning of article 6(1) extends beyond those rights which have a private nature";*

10. Applikat dan kollu għall-fatti tal-każ preżenti, il-Qorti ma tarax li huwa possibbli li jiġi ddubitat, illi skond il-liġi kif inhi, meta l-Gvern – minħabba n-nuqqasijiet ta' l-importatur li josserva l-liġijiet u r-regolamenti li jipprovdu għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjoni f'Malta ta' merkanzija minn barra, l-istess Kontrollur tad-Dwana huwa mogħti d-dritt li bis-sempliċi ġurament tiegħu – joħloq favur tiegħu titolu esekuttiv li jippermettilu li jipproċedi bil-bejgħ in subbasta ta' l-oġġetti maqbuda bil-mandat u **għal dan il-bejgħ ma tista' ssir ebda opposizzjoni mid-debitur biex iwaqqaf l-esekuzzjoni tal-mandat jew l-iżbank tal-flus li jkun ġieb il-bejgħ**;

11. Din il-Qorti tara li hawnhekk l-artikoilu 468 jikkomprometti l-posizzjoni tad-debitur li mingħajr ma għandu jew jingħata opportunità xierqa li jagħti r-raġunijiet tiegħu biex dawn jiġu deċiżi minn qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti, jitlef drittijiet ta' proprjetà b'mod irriversibbli.

Għaliex hija din l-irrevirsibbilità li hija fatali għal dak li jipprovdi dan l-artikolu tal-liġi. Difatti jekk bil-mandat ta' qbid il-kreditur governattiv ikun qabad oġġetti li għandhom valur soġġettiv, familjari, ereditarju, sentimentali jew anki artistiku – ċjoè valur intrinsiku partikolari – apparti mill-valur finanzjarju, billi dawk il-valuri partikolari m'humiex neċessarjament konvertibbli f'somma flus; anzi fil-maġġoranza kbira tal-każijiet "ma jkollhomx valur" jew huma ta' "valur inestimabbli" – proprju għaliex jisfuġġu l-istima ekonomika. U meta dawn jinbiegħu – għaliex il-liġi ma tippermetti ebda opposizzjoni frenanti għażżlanċ esiġenti ta' kreditur li wara kollox għadu ma ġiex sottopost għall-ebda kontroll imparzjali u oġġettiv – id-debitur isofri preġudizzju permanenti għaliex huwa manifest illi l-azzjoni għaddanni sussegwenti mhix se tassiguralu li huwa jerġa' jakkwista l-oġġetti – li jkunu nbiegħu u jkollu jaċċetta "kumpens" minflokhom. U meta dan kollu m'huwiex xi effett inevitabbli taċ-ċirkostanzi ġenerali tal-ħajja fejn m'hemm ebda possibbilità ta' rimedju ħlief il-kumpens – allura huwa manifest illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-allegat debitur ikun qed isofri vjolazzjoni taddrittijiet fundamentali tiegħu inkwantu biex jiġu "determinati" d-drittijiet jew l-obbligi tiegħu ma kellux il-possibbilità li jeċċedi għal tribunal indipendenti u imparzjali biex jiddeċidi għandux jew le, skond il-ħaqq, jitlef għal dejjem dawk l-oġġetti mingħajr possibbilità ta' rkupru;

12. Minħabba din il-konsiderazzjoni prinċipali, m'huwiex possibbli għal din il-Qorti li ssegwi s-sentenza appellata li ddistingwiet bejn it-tip ta' krediti li jiġu rikjamati bil-mandati tal-Gvern, għar-raġuni ovvja li fi kwalunkwe każ, għal kull tip ta' kreditu, japplika dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti u l-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tavvera ruħha f'kull kontinġenza. Però din id-differenza bejn iż-żewġ sentenzi ma

tinfluwenzax ir-*ratio* diċendi tas-sentenza appellata inkwantu din iddikjarat li l-**art. 466 Kap. 12**, ma jirriżultax li jivvjola d-drittijiet fundamentali garantiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni billi dan l-artikolu ma jikkonferixxi ebda dritt speċjali lill-Gvern kreditur li m'għandux iċ-ċittadin privat kreditur – irrispettivament min-natura tal-kreditu pretiżi;

13. Naturalment, il-motivi msemmija hawn fuq huma addizzjonali għal dawk tas-sentenza ta' l-ewwel grad – biex waslet għad-deċiżjoni – li din is-sentenza qed tikkonferma in parti – li l-artikolu 467 – m'huwiex konformi ma' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, mingħajr il-limitazzjoni li ssemmi s-sentenza appellata;

14. In konklużjoni, għaldaqstant, din il-Qorti qed tiddeċidi illi:

(a) L-artikolu 466 Kap. 12 ma jikkontrastax mal-garanziji tad-drittijiet fundamentali msemmija fl-artikolu 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-istess Konvenzjoni;

(b) L-artikolu 467, Kap. 12 *invece*, fih innifsu u b'dak li proċeduralment jimplika m'huwiex konformi ma' dak li jassikura l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

(ċ) Per konsegwenza, il-Kontrollur ma jistax, wara l-mandat ta' qbid li ottjena jkompli bil-proċedura kkontemplata fl-artikolu 467 u b'hekk qed tiddisponi mill-appelli kemm il-prinċipali kif ukoll l-inċidentali in kwantu t-talbiet l-oħra tas-soċjetà rikorrenti huma respinti;

L-ispejjeż ta' l-ewwel grad kif deċiżi, dawk ta' dan l-appell kwantu għal żewġ terzi għall-intimati u terz għas-soċjetà rikorrenti.